**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 59**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 11 ta' Mejju 2023 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier (19:09)
Daniel Ablett – Kunsillier (19:32)
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Martina Grech - Kunsillier
Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier (online)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppresieda l-laqgħa.

Assenti b'Apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba raġunijiet personali l-Kunsillier Abigail Sammut talbet li tkun skużata.

59.1 **Approvazzjoni tal-Minuti**

59.1.1 **Approvazzjoni tal-Minuti Nru 57**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 57 li kienu ċċirkolati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssekonda.

Il-Kunsill approva l-Minuti Nru 57.

59.1.2 **Approvazzjoni tal-Minuti Nru 58**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 58 li kienu ċċirkolati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Martina Grech talbet emenda tal-Minuti kif ġej:

Jiddaħħal il-paragrafu f'punt 58.9 li jgħid:

'Il-Kunsillier Martina Grech pproponiet li l-Kunsill jiddiskuti ma' Bulletproof sabiex jingħataw ideat lill-Kunsilll għall-proġett aktar innovattiva għaz-zona tal-Qormi Sports Complex.

L-emenda ġiet approvata.

Il-Minuti ġew approvati kif emendati.

**59.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.2.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab li jsir intervent minn artist Qormi dwar il-monumenti proposti b'dedika lil Ħal Qormi u stiednu jagħti spjega dettaljata tal-abbozzi ppreżentati.

L-artist ta spjega tal-Monument iddedikat lil Ħal Qormi, fejn jirrappreżentah hemm il-ħsieb ta' Forn, għall-fatt li Ħal Qormi huwa magħruf bħala Raħal il-Fran (Dok A)

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa x'jiġri f'każ li xi monument jiġi vvandalizzat. L-artist spjega li hu m'għandux kontroll fuq dawn l-affarijiet u dan huwa riskju li jkun hemm fuq dak kollu li jitpoġġa fil-pubbliku.

L-artist spjega li l-proposta għal qies tal-forn ikun qies ta' forn normali, jiġifieri madwar $6m^2$ bħala bażi. Is-Sindku ppropona li dan il-monument isir fir-roundabout ta' Triq il-Mitħna, taħt il-pont.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ippropona li dan il-monument isir fir-roundabout ta' Triq Manwel Dimech għaliex huwa aktar ċentrali u staqsa wkoll f'każ li jinqala' l-bżonn dan il-monument ikun jista' jiżżarma u jiġi rilokat xi mkien ieħor. L-artist spjega li jekk isir enumerar tal-ġebel, il-monument ikun jista' jinħatt u jerġa' jinbena.

L-artist ta spjega dwar id-disinn tal-monument iddedikat lill-Mara Qormija fejn fid-disinn wieħed jista' jara l-Mara bil-muftieħ f'idejha. Il-mara tinsab mixja fuq il-blat, liema blat qed jissimbolizza dak kollu li l-mara għaddiet minnu matul iż-żminijiet. Il-bixkilla f'idejha tirrappreżenta l-ikla Maltija. L-espressjoni ta' wiċċ il-mara hija ta' mara għajjiena iżda determinata. Ħdejha nsibu tifla ċkejka li tissimbolizza l-futur tal-mara. Fil-fatt l-espressjoni tagħha hija ferriħija u moħħ ir-riħ. Anke l-ilbies tat-tifla, huwa aktar modern. Fil-fatt l-ilbies tal-mara jagħti ndikazzjoni li l-omm toqgħod lura sabiex tara lill-uliedha jirnexxu. Il-qies propost huwa wieħed life size. Il-membri ddiskutew ukoll is-sit fejn dan għandu jsir u ġie propost li dan il-monument isir fil-bidu ta' Ġnien de la Cruz.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** qalet li dwar il-qisien tal-monumenti jkun għaqli jekk issir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsillier Martina Grech ipproponiet li jiġi kkonsultat il-perit anke dwar is-siti proposti.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** flimkien mal-kunsillier Ralph Puli staqsew hux possibbli li jinħadem abbozz tal-monument tal-mara Qormija sabiex ikun possibbli għall-membri li jieħu idea aħjar.

59.2.2 **Innovative Design Monument**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li kellu laqgħa ma' żagħżugħ minn Ħal Qormi fejn ippropona monument modern li jista' jiġi nstallat fil-ġnien ta' Misraħ iż-Żebbuġ, liema monument jiġi jiswa madwar € 12,000.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ġibdet l-attenzjoni li d-disinn tal-ġnien, s'issa ma jindikax li hemm fejn isir għaldaqstant il-Kunsill għandu jistenna sakemm il-ġnien jitlesta u jekk ikun hemm il-ħsieb li jsir xi monument jimxi skont il-proċeduri legali tal-procurement.

**59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.3.1 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li bħala ġie nfurmat il-Kunsill, ftit tal-ġranet ilu saret laqgħa mas-Sur Joe Attard CEO ta GreenMT fejn intlaħaq ftehim li l-*bring-in sites* se jerġgħu isiru fejn kienu, għajr il-bins ta' Triq Ġużè Cardona. Ġejna nfurmati wkoll li ma kull sit se tkun qed tiġi nstallata CCTV Camera u s-sorveljanza tagħhom se ssir direttament minn LESA. Fil-fatt is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet diġà korrispondenza lis-Sur Attard biz-zoni fejn diġà għandna CCTV Cameras, installati. Tkellimna wkoll dwar il-flejjes dovuti minn GreenMT lill-Kunsill u aċċertana li se jagħtihomlna lura.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** staqsa jekk dawn il-bins il-ġodda hux se jkunu i-bins. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li iva hekk se jkunu qed isir, skont ma' ntqal mis-Sur Attard.

**59.3.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill Lokali ġie mitlub mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali lista ta' CCTVs, fejn il-bring-in sites, li ġew installati mill-Kunsill Lokali, sabiex il-Kunsill jibda jingħata perċentwal mill-multi li jinħarġu minn LESA. Din l-informazzjoni ġiet mgħoddija mis-Segretarju Eżekuttiv b'mod immedjat lill-AKL.

**59.3.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill ġie nfurmat b'mod uffiċjali li l-Awtorita' tal-Ippjanar approvat li jiġi ffinanzjat il-proġett ta' tibdil ta' fanali ornamentali tul Triq il-Kbira, liema proġett huwa stmat li se jiġi jiswa madwar € 82,000. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa jekk dan il-proġett jinkorporax il-pavimentar tal-pjazza.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li dan il-proġett ma jinkorporax il-pavimentar. Fil-fatt il-Kunsill għadu qed jistenna l-istima mingħand il-perit.

Isemmiet il-kwistjoni tal-informational board li hemm fi Pjazza San Franġisk. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li din l-informational board kienet saret fis-sena 2013 u kienet tindika r-Reserved Parking Bays eżistenti f'Ħal Qormi.

**59.3.4** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li aktar kmieni din il-ġimgħa, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa mal-kuntratturi li se jkunu qed jagħmlu x-xogħol fuq ir-*rubberflooring* ta' Vjal de la Cruz u ntagħżlu l-kuluri. Is-Sindku spjega li nżamm kollox sempliċi kemm jista' jkun, sabiex ma jogħlewx l-ispejjeż.

**59.3.5** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li din il-ġimgħa bdew jingħataw il-lezzjonijiet tal-Arti lit-tfal Qriema, fejn għandna konkorrenza tajba ħafna. Is-Sindku nfurma li tant kien hemm interess għal dawn il-lezzjonijiet li l-istudenti tqassmu f'żewġ klassijiet.

**59.3.6** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma nhar it-Tnejn li għadda saret site-visit fil-Mitħna, flimkien mal-Perit il-ġdid li se jkun qed jissorvelja r-restawr. L-amministrazzjoni ħadet ħsieb tibgħat korrispondenza lill-kumpanija li se tieħu ħsieb dan ix-xogħol sabiex issir ic-Change in Architect form u tiddaħħal mill-aktar fis possibbli l-Commencement Notice. Dan għall-fatt li l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar jiskadi fit-18 ta' Lulju ta' din is-sena. Il-Kunsillier Ralph Puli staqsa hux possibli li ssir gate sabiex jiġi evitat li jsir vandaliżmu fuq l-istess mitħna, ġaladarba r-restawr jitlesta. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se jkun qed jitkellem mal-Perit responsabbli dwar dan.

**59.3.7** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-Kunsill jerġa jġedded il-ftehim ma' The Notebook Centre, bil-kundizzjoni li l-Kunsill jingħata rendikont ta' kemm qed jintuża dan is-servizz, kull xahar. Il-ftehim jiswa € 5000. Il-Kunsillier Marvin Zammit ġibed l-attenzjoni li dan is-servizz kien twaqqaf mill-Kunsill minħabba nuqqas ta' nformazzjoni li ntalbet mill-istess Kunsill. Wara diskussjoni bejn il-membri fuq proposta tal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġie riżolt li jsiru vouchers minn The Notebook Centre, jingħataw lill-Kunsill Lokali u jitqassmu mill-Kunsill, b'capping ta' € 2000.

**59.3.8** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento fakkar lil membri li għada se jinżamm il-kunċert mill-Banda tal-Korp tal-Pulizija, fil-knisja kolleġġjata San Ġorġ Martri.

**59.3.9** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li bħalissa l-Kunsill jinsab għaddej bil-preparamenti għall-attivita' ta' Jum Ħal Qormi u talab lill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli jagħti d-dettalji tal-attivitajiet.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li kif diġà miftihem se tinżamm quddiesa konċelebrata minn Mons Arċisqof fis-6.00p.m., fil-Knisja Kolleġġjata San Ġorġ Martri. Issegwi parata mill-Inguardia, dis-6.45p.m., minn fuq iz-zuntier tal-Knisja sat-Tribuna ta' Pinto. Fis-7.30p.m. tibda s-serata, b'kunċert mit-tlett baned u wara jingħataw l-Unuri Għarfien il-Ħila u Ġieħ Ħal Qormi. Tkun ħaġa sabiħa jekk il-kunsilliera kollha jattendu.

Is-Sindku nfurma li bħas-snin passati, l-għaqdiet tan-nar se jkunu qed jaħarqu salut filgħodu, f'nofsinhar u fil-għaxija wkoll.

**59.3.10** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li nhar it-Tnejn li għadda ġew imnedija l-attivitajiet marbuta mat-30 Sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Aktar kmieni llum is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja tal-kalendarju ta' attivitajiet li qed jiġu organizzati. Inħeġġeġ lil kull min jista' jattendi għal dawn l-attivitajiet.

**59.3.11** Il-Kunsillier Daniel Ablett infurma li nhar is-Sibt li ġej, flimkien mal-Qormi Clay Shooting Club u Sport Malta se ssir Sparatura fl-okkażjoni tal-Logħob għall-Pajjiżi ż-Żgħar li se jinżammu f'pajjiżna fil-ġranet li ġejjin. Ġie approvat budget ta' € 1000 għal din l-attivita'.

**59.3.12** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma aktar kmieni din il-ġimgħa nżammet seduta tal-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-art fi Triq id-Deheb Fin, fejn għaliha attenda l-kunsillier Dr Sean Apap Meli.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma li s-Seduta kienet ippreseduta mill-istess board li approvaw li d-deċiżjoni l-ewwel darba. Dan għall-fatt li fis-sena 2006 kienu nbidlu l-policies u li din l-art minn zona ODZ tingħata għal bini. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li hu tkellem mal-avukat Dr Claire Bonello dwar dan il-każ u qed jistenna parir legali mingħandha. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li hu ġibed l-attenzjoni tal-board li hemm art saqqwi. Il-Viċi Sindku Donnha Barbara staqsiet x'qed jiġi propost li jinbena. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma li għalissa m'hemm l-ebda applikazzjoni quddiem il-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Kunsillier Ralph Puli ppropona li l-Kunsill joħroġ stqarrija fejn jiddikjara li l-Kunsill mhux kompliċi ma' dan il-proġett.

**59.3.13** **Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** staqsa meta se jinbeda r-resurfacing ta' toroq li kellu jinbeda fi Quarter 1 minn Infrastruttura Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-kuntrattur responsabbli mix-xogħolijiet applika għall-permessi meħtieġa ma' Transport Malta.

**59.4** **Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2023.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa x'inhu l-pagament massiċċ dovut lill-Community Workers Scheme. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nbidel il-Management tal-iskema u ma tawx handover. Irriżulta li l-pagamenti dovuti lill-impjegat li qed jagħmel ix-xogħol ta' contract manager ma kienux qed jintbagħtu invoices for refund u issa ndunaw bihom.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli staqsa dwar il-pagament dovut lil Joseph Grech. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi ma ħarġet l-ebda Works Order u jidher li dan ix-xogħol ġie ordnat mill-persuni li jarmaw il-presepju fi Ġnien de la Cruz. Il-Kunsill m'approvax dan il-pagament u talab li jitwaqqfu l-pagamenti kollha li ma jkunux koperti b'works order maħruġa mis-Segretarju Eżekuttiv.

Inġibdet l-attenzjoni dwar l-użu tat-teatru grieġ mill-Aħwa Borg. Is-Segretarju Eżektutiv infurmat li ma jidhirx li qatt saru pagamenti relatati mal-kera dovuta, skont il-bye-law u se tkun qed tagħti rendikont fis-Seduta li jmiss.

Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kif riżolt.

Il-Kunsillier Daniel Ablett issekonda.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' ħlasijiet, għajr il-pagamenti miżmuma.

**59.5 Mozzjonijet**

**Mozzjoni Nru 115 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

*Qed nipproponi li fuq it-trofew tal-Premju INT jkomplu jsiru l-ismijiet tal-kumplament tar-rebbieha sabiex dawk kollha li kienu rebbieha jitnizlu fuq l-istess trofew.*

*Qed nipproponi wkoll sabiex isir trofew gdid ghal Premju INT sabiex filwaqt li dak li huwa prezenti jibqa fil-bini tal-kunsill, dak li jsir gdid ikun fuq l-istess kuncett izda b' sinifikat aktar modern.*

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ssekonda.

Ivvutaw favur disa (9) kunsilliera preżenti. Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu.

**59.6 *Evaulation Report Tender for the Embellishment of Triq San Bartolomew (part of) and Triq il-Vitorja (part of), al Qormi including Site Clearance, Excavation, Construction and Paving Works***

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-rapport ta' evalwazzjoni għat-tender *' for the Embellishment of Triq San Bartolomew (part of) and Triq il-Vitorja (part of), al Qormi including Site Clearance, Excavation, Construction and Paving Works',* fejn infurmat li l-Kunsill kellu żewġ offerti.

Waħda mill-offerti kienet out of budget u għaldaqstant kellha tiġi skwalifikata.

It-tieni offerta kienet tammonta għal € 295,101.10. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-board irrakkomanda li d-deċiżjoni finali tittieħed mill-Kunsill, qabel isir l-award tat-tender, għall-fatt li l-budget ta' dan il-proġett huwa ta ftit aktar minn € 277,000.

Il-Kunsill approva li jibqa' għaddej bil-proċess u t-tender tingħata lill-orħos offerta u l-Kunsill joħroġ id-differenza.

**59.7 Ħwejjeġ Oħra**

**59.7.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Qormi Hockey Club dwar fondi relatati ma attivitajiet li nżammet fis-sena 2020. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li din l-attivita kienet inżammet qabel il-Covid Lockdown u kien ġie ppreżentat rapport tal-attivita', liema attivita' kienu attendew għaliha l-ex Sindku l-mibki Renald Falzon u l-kunsillier Daniel Ablett.

Il-Kunsill approva dan il-pagamenti.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li se jkun qed jerġa' jiġi ffirmat il-kuntratt ta' koperazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet li għandhom nursery, jiġifieri l-Qormi Hockey Club u l-Qormi Football Club.

**59.7.2** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** rringrazzja lil membri kollha li attendew għas-Serata tal-Premju INT, liema attivita' kienet suċċess.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli,** qal li qed jiġi ppjanat li għas-sena d-dieħla t-tema se tkun 'We are the World' u s-serata tkun animata b'kor u Band. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli nfurma wkoll li qed jiġi ppjanat li l-attivita' tinżamm fil-15 ta' Marzu 2024 fir-Razzett l-Antik.

**Il-Kunsillier Martina Grech** talbet li jiġi ffurmat kumitat għall-attivita' u tkun parti minnu. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli qal li kull għajnuna tkun apprezzata, għaliex minkejja li hu mhux responsabbli mis-Sotto Lumitat għall-Ħarsien Soċjali u Edukazzjoni, l-organizzar tal-attivita' spiċċa f'idejh, bħalma spiċċat l-attivita' ta' Jum Ħal Qormi.

**59.7.3** **Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** nfurma lill-membri li l-video tal-Innu ta' Ħal Qormi tlesta wkoll u se jiġi varat propju fil-25 ta' Mejju.

**59.8** **Korrispondenza**

Korrispondenza mill-Għaqda Armar San Sebastjan rigward il-proġett ta' Triq San Bartolomew. Ġie deċiż li jsir meeting mal-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur li se jingħata t-tender sabiex il-proġett isir b'inqas inkonvejent possibli.

59.9 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fid-9.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tnejn 5 ta'Ġunju 2023 fis-6.30p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| ___________________________ | ________________________ |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |